Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2014/2005**

tad-9 ta' Diċembru 2005

dwar il-liċenzji taħt l-arranġamenti għall-importazzjoni tal-banana lejn il-Komunità fir-rigward tal-banana li tkun tqiegħdet f'ċirkulazzjoni ħielsa bir-rata tad-dazju tat-tariffa doganali komuni

(ĠU L 319M, 29.11.2008, p. 366)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru 566/2006 tas-6 ta' April 2006	L 338M	309	17.12.2008
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 239/2007 tas-6 ta' Marzu 2007	L 319M	495	29.11.2008
►**M3**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 514/2008 tad-9 ta' Ġunju 2008	L 150	7	10.6.2008
►**M4**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 557/2010 tal-24 ta' Ġunju 2010	L 159	13	25.6.2010

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 169 (566/2006)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2014/2005

tad-9 ta' Diċembru 2005

dwar il-liċenzji taħt l-arranġamenti għall-importazzjoni tal-banana lejn il-Komunità fir-rigward tal-banana li tkun tqiegħdet f'ċirkulazzjoni ħielsa bir-rata tad-dazju tat-tariffa doganali komuni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1964/2005 tat-2 ta' Diċembru 2005 dwar ir-rati tariffarji għall-banana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1964/2005 jiffissa r-rata applikabbli mill-1 ta' Jannar 2006 għall-banana importata lejn il-Komunità li taqa' fl-ambitu tal-kodiċi NM 0803 00 19.

(2) L-arranġamenti tal-importazzjoni bbażati fuq l-applikazzjoni ta' dazju doganali b'rata xierqa, b'mod parallel għall-applikazzjoni ta' preferenza ta' tariffa b'rabta ma' kwota ta' tariffa għal importazzjonijiet li joriġinaw fil-pajjiżi tal-AKP, iridu jkunu akkumpanjati minn mekkaniżmu għas-sorveljar tal-importazzjonijiet fuq bażi regolari biex issir aċċertazzjoni dwar il-kwantitajiet imqiegħda f'ċirkulazzjoni ħielsa fil-Komunità. L-istrument xieraq biex jinkiseb dan il-għan huwa mekkaniżmu bbażat fuq il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni soġġett għad-dispożizzjoni ta' sigurtà biex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet li għalihom kienet saret l-applikazzjoni għal liċenzja jsiru tabilħaqq. Għandhom jiġu stipulati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' mekkaniżmu bħal dan fir-rigward ta' importazzjoni bir-rata tad-dazju tat-tariffa doganali komuni.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ([2]) huwa applikabbli.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Banana,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

▼M3

Artikolu 1

1. L-importazzjonijiet tal-banana bir-rata tad-dazju tat-tariffa doganali komuni li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 0803 00 19 u li għalihom għandha tintwera liċenzja ta' l-importazzjoni huma mniżżlin fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 ([3]). Għaldaqstant, il-liċenzji għandhom jinħarġu mill-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post fejn dan ikun stabbilit fil-Komunità.

([1]) ĠU L 316, 2.12.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1856/2005 (ĠU L 297, 15.11.2005, p. 7).
([3]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.

▼M3

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom jitressqu fi kwalunkwe Stat Membru.

3. Il-perjodu tal-validità tal-liċenzja ta' l-importazzjoni u l-ammont tal-garanzija li għandha tingħata f'konformità mat-Titolu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 ([1]) għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-Parti I ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 376/2008].

Madanakollu, l-ebda liċenzja m'hi se tkun valida wara l-31 ta' Diċembru tas-sena tal-ħruġ tagħha.

4. Ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri (*force majeure*), il-garanzija għandha titneħħa totalment jew parzjalment jekk, matul dak il-perjodu, l-operazzjoni ma tkunx twettqet jew tkun twettqet biss b'mod parzjali.

5. Minkejja l-Artikolu 34(4) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, għandha tingħata evidenza li l-liċenzja ta' l-importazzjoni tkun intużat, kif imsemmi fl-Artikolu 32(1)(a) ta' dak ir-Regolament, sa tletin jum wara d-data ta' meta jiskadi l-perjodu tal-validità tal-liċenzja, ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri.

▼M1
▼C1

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni:

▼M4

a) sal-Erbgħa ta' kull ġimgħa: prezzijiet bil-grossa għal banana safra, murija skont il-pajjiż tal-oriġini jew il-grupp tal-pajjiżi tal-oriġini, kif irreġistrati fil-ġimgħa ta' qabel fuq is-swieq rappreżentattivi elenkati fl-Anness XVI għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 ([2]);

▼M1
▼C1

b) mhux iktar tard mill-15 ta' kull xahar, il-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu liċenzji ta' importazzjoni matul ix-xahar ta' qabel;

c) mhux iktar tard mill-15 ta' kull xahar, il-kwantitajiet, imqassma skont l-oriġini, koperti bil-liċenzji użati u li ntbagħtu lura lill-entità tal-ħruġ matul ix-xahar ta' qabel.

▼M2

_____

▼M4

2. In-notifiki msemmija f'dan ir-Regolament għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 ([3]).

▼B

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.
([3]) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3.